Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' April 2018**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0101 (COD)**

**8141/18**
**ADD 1**

**COMER 36**
**WTO 94**
**CODEC 583**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' April 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 206 final - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tal-proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jimplimenta d-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi terzi |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 206 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2018) 206 final - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.4.2018
COM(2018) 206 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jimplimenta d-dispożizzjonijiet ta' salvagwardja u mekkaniżmi oħra li jippermettu l-irtirar temporanju ta' preferenzi f'ċerti ftehimiet konklużi bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi terzi**

<u>**ANNESS**</u>

## Ftehimiet implimentati permezz tar-Regolament u dispożizzjonijiet speċifiċi għal dak il-ftehim

**Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore:**

| | |
|---|---|
| Data tal-Applikazzjoni | xx/xx/xxxx |
| Klawżola ta' salvagwardja bilaterali | L-Artikolu 3.10 (Klawżola ta' salvagwardja bilaterali) |
| Dispożizzjoni(jiet) speċifika (speċifiċi) stabbilita (stabbiliti) f'dan il-Ftehim: | L-Artikolu 3.9, "perjodu tranżitorju":<br><br>"perjodu tranżitorju" tfisser perjodu ta' 10 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim"<br><br>L-Artikolu 3.11(5)c:<br><br>"L-ebda parti ma tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali kif stipulata fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3.10 lil hinn mill-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ħlief bil-kunsens tal-Parti l-oħra." |

**Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam**

| | |
|---|---|
| Data ta' Applikazzjoni | xx/xx/xxxx |
| Klawżola ta' salvagwardja bilaterali | L-Artikolu 3.11 (Klawżola ta' salvagwardja bilaterali) |
| Dispożizzjoni(jiet) speċifika (speċifiċi) stabbilita (stabbiliti) f'dan il-Ftehim: | L-Artikolu 3.9, "perjodu tranżitorju":<br><br>"perjodu tranżitorju tfisser perjodu għal prodott mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sa 10 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim."<br><br>L-Artikolu 3.11(6)c:<br><br>"L-ebda Parti ma tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali lil hinn mill-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ħlief bil-kunsens tal-Parti l-oħra." |

**Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun**

| | |
|---|---|
| Data tal-Applikazzjoni | xx/xx/xxxx |
| Klawżola ta' Salvagwardja Bilaterali | L-Artikolu 2.5 (Klawżola ta' salvagwardja agrikola), 5.2 |
| Dispożizzjoni(jiet) speċifika (speċifiċi) stabbilita (stabbiliti) f'dan il-Ftehim: | (Klawżola ta' salvagwardja bilaterali)<br>Artikolu 5.1(d):<br><br>""perjodu ta' tranżizzjoni" tfisser, b'rabta ma' prodott oriġinarju partikolari, il-perjodu li jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u jintemm 10 snin wara d-data tat-tlestija tat-tnaqqis jew it-tneħħija tat-tariffi fuq dak il-prodott f'konformità mal-Anness 2-A."<br><br>L-Artikolu 18 tal-Anness 2-D dwar vetturi bil-mutur u l-partijiet:<br><br>"Matul l-10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull waħda mill-Partijiet tirriżerva d-dritt li tissospendi konċessjonijiet ekwivalenti jew obbligi ekwivalenti oħra fil-każ li l-Parti l-oħra: |

(a) ma tapplikax jew ma tibqax tapplika Regolament tan-NU kif speċifikat fl-Appendiċi 2-C-1; jew

b) tintroduċi jew temenda miżura regolatorja oħra li xxejjen jew ixxekkel il-benefiċċji tal-applikazzjoni ta' Regolament tan-NU kif speċifikat fl-Appendiċi 2-C-1.

2. Sospensjonijiet skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu fis-seħħ biss sakemm issir deċiżjoni f'konformità mal-proċedura tar-riżolviment tat-tilwim aċċellerata msemmija fl-Artikolu 19 ta' dan l-Anness jew sa ma tinstab soluzzjoni reċiprokament aċċettabbli, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet skont is-subparagrafu 19(b) ta dan l-Anness, skont liema minnhom tkun l-iktar kmieni."